**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D., LL.B., N.P., LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024**

Talba Numru: 5/2023 (MPX)

**Joseph Theuma**
**(K.I. 71449G)**

**Vs**

**Victor Bartolo**
**(K.I. 2746G)**

**Preliminari:**

**It-Tribunal;**

**Ra** l-avviż tat-Talba, ippreżentat fil-11 ta' April, 2023, li jaqra kif ġej:

*«Peress illi Joseph Theuma, detentur tal-karta tal-identita` numru 71449G, li permezz taghha premetta kif gej:*

*Peress illi Joseph Theuma, detentur tal-karta tal-identita` numru 71449G ta' 35, Triq ta' Gajdoru, Xaghra, Ghawdex, huwa kreditur fil-konfront ta' Victor Bartolo, detentur tal-karta tal-identita` numru 2746G ta' Karin House, Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex, u dan jirrizulta mix-xoghlijiet maghmula minnu lid-debitur, liema xoghlijiet huma ahjar deskritti fl-ircevuta numru 1077-2220 li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A, liema pagament ghadu pendenti fl-ammont ta' elf, mija u sebghin Ewro (€1170), liema ammont ghadu ma giex saldat.*

*Illi hekk kif hemm stipulat fuq il-fattura mibghuta lill-intimat, huwa obbligat ihallas l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut, u cioe` fuq elf, mija u sebghin Ewro (€1170) bir-rata ta' 8% min-nhar it-12 ta' Novembru, 2022.*

*Illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A, ittra numru 40/2023, izda l-istess intimat baqa' inadempjenti.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jaqta' u jiddeciedi billi:*

*(i) Jiddikjara li l-intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' elf, mija u sebghin Ewro (€1,170), rapprezentanti l-ammont dovut ghax-xoghlijiet maghmula mir-rikorrenti, inkluz l-imghaxijiet bir-rata ta' 8% min-nhar it-12 ta' Novembru, 2022;*

*(ii) Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf, mija u sebghin Ewro (€1,170).*

*Bl-imghaxijiet dekorribbli skont il-ligi, u l-ispejjez kollha kontra l-istess intimat, li huwa minn issa mharrek in subizzjoni, inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru numru 35/2023.»*

**Ra** li l-konvenut kien debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ u ma ppreżenta ebda risposta;

**Ra** li l-attur ippreżenta kopja tal-ittra uffiċjali, mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien mat-taxxa relattiva, u kopja tat-taxxa relatata mal-Mandat ta' Sekwestru numru 35/2023 (SG), fl-ismijiet «Joseph Theuma vs Victor Bartolo»;

**Ra** li l-legali tal-attur għarrfet lil dan it-Tribunal li l-konvenut irrilaxxa a favur tal-attur ċekk fl-ammont ta' elf, tliet mija u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€1,320.80), liema ammont jirrappreżenta s-sorte kif ukoll it-taxxa uffiċjali;

**Ra** li ma ntlaħaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet rigward l-ispejjeż relatati mal-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A, u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment;

Għaldaqstant, intalbet id-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward ta' tali spejjeż.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet attriċi, fis-sens li jikkonferma li l-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż kollha relatati mal-proċedura odjerna, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentata fit-3 ta' Marzu, 2023, u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, ippreżentat kontestwalment.

**(ft.) Dr Marsette Portelli Xerri**
**Ġudikant**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**